# Annibale Preca (1832-1901) fil-Mosta

*kitba ta'* ***J.J. CAMILLERI*** *B.A., M.A., A.I.E. (Lond.)*

**Annibale** Preca kien il-kap ta' l-iskola primarja tal-Mosta bejn is-6 ta' Settembru 1852 u l-21 ta' Settembru 1860. Dak iż-żmien l-iskola kienet waħda żgħira. Fil-fatt, meta d-Direttur fl-1856 żar l-iskola kien hemm preżenti 19-il tifel minn 25 miktubin fuq ir-reġistri u 22 tifla minn 36. Sa l-1869 Marija Calleja kienet għadha l-kap ta' l-iskola tal-bniet. Interessanti ċ-ċirkolari tad-Dipartiment li ħarġet fit-2 ta' Frar 1859, fejn il-kapijiet ta' l-iskejjel ġew ordnati jibdew joqgħodu bid-dar fil-belt jew raħal fejn kellhom l-iskola tagħhom. Dan għaliex minħabba nuqqas ta' trasport kien ikollhom imorru bil-mixi. Kien ikun hemm għalhekk min ifalli ta' spiss.

Dak iż-żmien ma kienx hemm liġi ta' l-attendenza obbligatorja u l-ġenituri setgħu ma jibgħatux lil uliedhom l-iskola kieku riedu. Fil-fatt ħafna kienu jippreferu jibdew jaħdmu biex jaqilgħu xi ħaġa milli jmorru l-iskola. Fl-1860 f'Malta u Għawdex kienu rreġistrati 5,650 student (2,533 tifel u 3,117 tifla). Kien hemm 45 skola primarja (22 għas-subien u 33 għall-bniet), 3 infantili, 1 ta' fil-għaxija u 2 sekondarji (1 tas-subien u 1 tal-bniet). Il-biċċa l-kbira ta' l-iskejjel kienu djar mikrijin. Il-gvern kien qiegħed iħallas £186.15s. fis-sena għal dawn id-djar mikrijin fl-Isla, Bormla, il-Birgu, Ħaż-Żabbar, Ħal-Luqa, Birkirkara, l-Imsida, in-Naxxar, il-Mosta, Ħaż-Żebbuġ, is-Siġġiewi, iż-Żurrieq u n-Nadur. Li kellhom jinbnew skejjel f'dawn il-postijiet, ġie kkalkulat li s-somma kienet tilħaq £7,100. L-iskejjel tal-Mosta kienu mikrijin £5 fis-sena. Il-gvern kellu bħala propjetà tiegħu t-tliet skejjel fil-Belt Valletta, tal-Floriana, iż-Żejtun, Ħal Qormi, Ħal-Lija, l-Imdina u r-Rabat (Għawdex). Fl-1851, għall-iskejjel primarji, il-gvern kien qiegħed jonfoq is-somma ta' £1,190 fis-sena biex iħallas is-salarji u £175 għall-ispejjeż li jinqalgħu. Kap ta' skola raġel kellu salarju ta' £35 fis-sena, £20 ta' mara.



*Annibale Preca.*

Preca kien persunaġġ magħruf ħafna. Għex fi żmien meta l-Ilsien Malti kien qiegħed jittanta jieħu postu f'pajjiżu. Kellu ħafna għedewwa min-niesu stess u ftit sostenituri. Fost dawk li tħabtu u stinkaw biex jaraw il-Malti jieħu dak li bi dritt jistħoqqlu nsibu lil Preca fuq quddiem nett. Ħadem bi sħiħ favur it-tixrid tal-Malti bħala filologu, kittieb, poeta u studjuż.

Preca twieled f'Ħal-Lija fit-22 ta' Marzu 1832. Miet ta' 69 sena fl-20 ta' Novembru 1901. Jingħad li kien jaf tajjeb ma' l-għaxar lingwi fosthom l-Ebrajk, l-Għarbi u s-Sirjan. Dawn ta' l-aħħar Preca qieshom bħala għodda importanti fir-riċerki tiegħu filoloġiki - l-istudju tan-nisel u ta' l-iżvilupp tal-lingwi u tar-rabta li teżisti bejn l-ilsna bejniethom.

Minn dak li kiteb, juri li kien konvint li hemm xebħ sħiħ bejn il-Malti u l-Ebrajk (ara '*Saggio intorno alla Lingua Maltese come affine dell'Ebraico*' - 1880). L-Ebrajk kien l-ilsien antik tal-Lhud. Dwar l-oriġini tal-Malti, Preca kien tal-fehma li kien Puniku, jiġifieri l-ilsien Kartaġeniż li żviluppa minn wieħed aktar antik - dak Feniċju. Ta' min jgħid li l-Feniċi ħolqu l-alfabett. L-istudjużi moderni jsostnu li fil-lingwa tagħna tal-lum ma baqa' xejn mill-Feniċju u l-Kartaġeniż, kif ħasbuha dawk ta' dari. Il-Malti tal-lum għandu rabtiet ma' l-Għarbi Berberu (mill-Afrika ta' Fuq) u infużjoni ta' kliem romanz (minn Sqallija, l-Italja) u anglosassonu (Ingliż).

Mhux ta' b'xejn li meta tliet snin wara l-mewt ta' Preca ġie ppubblikat il-ktieb tiegħu '*Malta Cananea*' fl-1904, inħolqot kontroversja sħiħa bejn l-istudjużi tal-Malti. Preca ġie saħansitra akkużat bħala riċerkatur u filologu dilettant, bil-kemm ma jxaqlibx lejn in-notorjetà, għax kull kelma li kellha timbru barrani qiesha, bħal uħud mill-istudjużi ta' żmienu, ta' oriġini dubbjuż.

Taqbel jew ma taqbilx ma' dik il-kritika wieħed ma jistax ma japprezzax l-isforz u l-ħila li biha Preca ġabar daqshekk informazzjoni, evalwaha u interpretaha f''*Malta Cananea*'. '*Malta Cananea*' hi investigazzjoni filoloġika u etimoloġika tal-lingwa Maltija. Hu ktieb bit-Taljan ta' 768 paġna, imqassam fi tliet partijiet. Fl-ewwel taqsima (14-il kapitlu) titratta partikolarijiet tal-lingwa, bħal per eżempju l-ortografija, il-verb u n-nomi. It-tieni taqsima (11-il kapitlu) hi studju komparattiv tal-Malti, per eżempju l-valur tiegħu ebrajk, il-forma

semitika tiegħu u l-vokabularju. It-tielet parti (5 kapitli) hi dwar il-vokabularji li għandhom x'jaqsmu mat-toponomija, ġensloġija, l-ismijiet u l-kunjomijiet, l-istorja, ir-reliġjon u rqaqat oħra.

Dwar il-Mosta, per eżempju, jgħid li hu raħal mill-kbar li għal ftit anqas minn tliet sekli għamel parti min-Naxxar. Jgħid li 'Mosta' hi korrezzjoni ta' 'Moza' - belt b'dan l-isem fin-Numidja. Ukoll fl-Alġerija ssib l-isem 'Mostaganen'. Jagħti dettalji oħra: (p. 559) dwar Misraħ Għonoq jgħid li hemm relazzjoni mal-ġiganti l-Ganaqim (il-poplu ta' Feniċja msemmi fil-Pentatewku tal-Bibbja), li gonok hu il-plural. Misraħ Gonoq - hekk kien jinkiteb fi żmien Preca (p. 576).

Dwar 'Ta' Bistra' hu tal-fehma li ħadet isimha mill-Ebrajk 'bas seter (moħbija), bis-satra (p. 494). Dwar Għajn Riħana (esposta għar-riħ) jgħid (p. 536) li bl-ebrajk il-kelma 'galga' tfisser art baxxa lejn l-għoljiet. Mid-diminjuttiv 'qlieqa' għandna l-isem ta' Wied il-Qliegħa (p. 500). Ta' Żejfi - minn 'żof', 'żofin' li tfisser xemgħa tax-xehda ta' l-għasel (p. 467). Dwar Bu Qana - minn fejn jgħaddi ħafna ilma (p. 698).

Dwar il-kunjomijiet Maltin jittanta wkoll isib l-oriġini. Xi eżempji: Xicluna minn 'xakol' fil-Bibbja 'Dob Xakkol' - twelid qabel iż-żmien jew abort; Gauci, wild Għawdxi (gaudex). Dawn huma biss ftit eżempji tad-dettalji li fih dan il-ktieb. Dnub li ktieb bħal dan illum hu minsi, għax bħala ktieb tal-*Melitensia* għandu l-valur intrinsiku tiegħu.


MALTA CANANEA

OSSIA

INVESTIGAZIONI

FILOLOGICO-ETIMOLOGICHE

NEL

Linguaggio Maltese

STUDIO DI

ANNIBALE PRECA

MALTA

Tipografia del MALTA, 16, Strada Zecca, Valletta.

1904.

*Kopja tal-faċċata tal-ktieb MALTA-CANANEA, ta' Annibale Preca, 1904, – "li ħoloq kontroversja bejn l-istudjużi tal-Malti."*

Fi żmien Preca, il-Malti ma kellux alfabett u sistema ta' ortografija waħda. Sa l-1934, meta l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti stabbiliet u fasslet alfabett u ortografija waħda, kulħadd kien jikteb kif irid u jfettillu. Nafu li qabel ma ddaħlet is-sistema uniformi, kellna mat-38 alfabett differenti wżati mill-kittieba tagħna!

Meta ġie biex jitfassal l-alfabett, fil-bidu kien hemm nuqqas ta' qbil bejn l-istudjużi. Dawk li sejħu lilhom infushom 'Romanisti' riedu sistema ta' alfabett mibnija fuq ittri li jirrappreżentaw ħoss kif inhuma dawk Taljani. L-'Għarabisti' riedu li jintuża l-alfabett Għarbi għax sostnew li l-Malti kien ilsien semitiku. L-'Għarabisti moderati' riedu biss simboli Għarab għal ittri li ma kienux ibbażati fuq il-ħoss, bħal 'għ' u l-'q'.

Preca kien membru ewlieni fix-Xirka Xemia. Din kienet għaqda li kellha wkoll l-alfabett tagħha. Meta fl-1884, is-Soċjetà bdiet tippubblika l-organu tagħha 'Is-Sebħ', dan beda jiġi stampat b'dik l-ortografija. Fit-2 ta' Diċembru 1882, Preca kien għamel taħdita dwar l-alfabett fonetiku lill-għalliema. Dan id-diskors 'Alfabett Fonetiku Malti' ġie stampat fl-1883. Sentejn wara ħareġ 'L-Ewwel Ktieb tal-Qari Malti'.

Biex iħajjar aktar nies jibdew jaqraw bil-Malti, Preca beda jikteb kotba b'temi reliġjużi. Suġġett popolari iżda nieqes minn kitbiet ta' dik ix-xorta bil-Malti. Kiteb l-istorja ta' 'It-Testment il-Qadim u l-Ġdid' fl-1896, erba' volumi ta' 'Storja Sagra' fl-1895 u 'Tifsir fuq il-Kotba tal-Bibbja' fl-1905. Barra dawn, kellu pubblikazzjonijiet oħra fuq għadd ta' suġġetti varji.

Wieħed mill-ammiraturi kbar li kellu Annibale Preca kien bla dubju l-filantropist Alfons Maria Galea. Bir-raġun, għax kien Preca li għallmu l-latin, it-taljan u l-ingliż, u li ħeġġu biex jibda jikteb bil-Malti. Alfons Maria Galea, bħala kittieb, hu l-aktar magħruf għas-sensiela twila tiegħu tal-'Mogħdija taż-Żmien', li sas-sena 1915 ippubblika 150 ktieb. U Preca għandu ħafna kontribuzzjonijiet f'dawk il-kotba.

Alfons Maria Galea għamel il-lapida fuq qabar Preca u fuqha jfaħħru bħala raġel tajjeb u għaref u li hu kien li għallmu jikteb u jaqra. Alfons Maria Galea kien Senatur tal-Partit Laburista. Kien jagħmel karità kbira, l-aktar lill-istituzzjonijiet reliġjużi. Ta' min jgħid li d-dar li kellu fi Triq il-Kostituzzjoni fil-Mosta ħallieha lis-sorijiet tal-*Bon Pastur*.